



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 7/25

Il-Lussemburgu, 27 ta' Jannar 2025

Udjenza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Impenn solenni tal-President u tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Matul udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li nżammet illum fit-15:00, il-President u l-Membri tal-Kummissjoni Ewropea ħadu l-impenn solenni previst fit-Trattati. Qabel ma l-President u l-Membri tal-Kummissjoni ħadu dan l-impenn solenni, Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għamel diskors (ara l-Anness).

L-impenn solenni ttieġed minn Ursula von der Leyen, President, Teresa Ribera Rodríguez, Viċi President Eżekuttiv, Henna Maria Virkkunen, Viċi President Eżekuttiv, Stéphane Séjourné, Viċi President Eżekuttiv, Roxana Mînzatu, Viċi President Eżekuttiv, Raffaele Fitto, Viċi President Eżekuttiv, kif ukoll minn Dubravka Šuica, Olivér Várhelyi, Wopke Bastiaan Hoekstra, Andrius Kubilius, Jozef Síkela, Constantinos Kadis, Maria Luís Casanova Morgado Dias de Albuquerque, Magnus Brunner, Jessika Roswall, Piotr Arkadiusz Serafin, Dan Jørgensen, Ekaterina Spasova Gecheva-Zaharieva, Michael McGrath, Apostolos Tzitzikostas u Glenn Micallef.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieġed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li ġġedded id-dedikazzjoni tagħha għal din it-tradizzjoni, il-Kummissjoni l-ġdida resqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ffit ġimgħat biss wara l-bidu tal-attività tagħha.

L-impenn solenni meħud mill-President u mill-Membri tal-Kummissjoni Ewropea huwa s-segweni:

“Maħtur(a) Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, jiena nimpenja ruħi solennement:

li nosserva t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;

li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b'indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;

li fit-twettiq tal-kompiti tiegħi la nfittex u lanqas nieħu istruzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;

li ma nwettaq ebda att li jkun inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompiti tiegħi.

Jiena nagħraf l-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza lill-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.

Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nosserva l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li naġixxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti benefiċċji.”

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-udjenza solenni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

lbqgħu konnessi!



Anness

Anness Diskors tal-President K. Lenaerts

Sinjura President, Sinjuri Membri tal-Kummissjoni Ewropea,

Eċċellenzi, Sinjuri,

Hekk kif niddikjara miftuħa din l-udjenza solenni, nagħtikom merħba f'isem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Illum il-Qorti tal-Ġustizzja tiltaqa' sabiex tirċievi l-impenn solenni tal-Membri tal-Kummissjoni Ewropea l-ġdida. Dan huwa mument ewlieni, li għalih il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti importanza kbira. Dan l-impenn solenni huwa fil-fatt wieħed mis-simboli tal-Unjoni tad-dritt li tinkorpora l-Unjoni Ewropea u li għalih kull waħda mill-istituzzjonijiet tagħha tikkontribwixxi.

Sinjura President, Sinjuri Kummissarji,

Qabel ma nistidinkom tesprimu l-impenn solenni marbut mal-kariga tagħkom, ippermettuli niffoka l-kuntest tal-avveniment li qed ilaqqa għna llum.

Fit-18 ta' Lulju 2024, il-Parlament Ewropew, fuq proposta tal-Kunsill Ewropew, reġa' elegġiek, Sinjura von der Leyen, bħala President tal-Kummissjoni l-ġdida.

Il-Kunsill Ewropew, permezz ta' deċiżjoni tal-24 ta' Lulju 2024, ħatar lis-Sinjura Kallas bħala r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà.

Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra, bħala kulleġġ, tal-membri tal-Kummissjoni l-ġdida.

Id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Novembru 2024 fetħet it-triq għall-eżerċizzju, mill-Kummissjoni l-ġdida, tas-setgħat li hija għandha bis-saħħa tat-Trattati, għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2024 sal-31 ta' Ottubru 2029.

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi, fl-Artikolu 245 tiegħu, li l-Membri tal-Kummissjoni għandhom jieħdu, meta jidħlu fil-kariga tagħhom, impenn solenni li josservaw, kemm waqt il-kariga tagħhom kif ukoll wara li tintemm, l-obbligi li joħorġu mill-pożizzjoni tagħhom.

Minkejja li ma hija prevista ebda modalità speċifika f'dan ir-rigward, hija użanza stabbilita li dan l-impenn solenni jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-użanza għandha tifsira simbolika doppja. Hija tesprimi, kif enfasizzajt fil-bidu ta' din l-udjenza solenni, ir-rabta mal-osservanza tad-dritt li tikkarakterizza l-Unjoni Ewropea u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet tagħha, fosthom il-Kummissjoni. Din l-użanza tenfasizza wkoll l-importanza tal-kompiti li l-Kummissjoni hija mistennija twettaq konformement mat-Trattati.

Il-mandat tal-Kummissjoni preċedenti kien ikkaratterizzat minn diversi sfidi importanti fil-livell internazzjonali: il-pandemija tal-COVID-19, li laqtet ħafna liċ-ċittadini u lill-impriżi, il-bidu, dalwaqt tliet snin ilu, tal-gwerra fl-Ukraina u, iktar reċentement, iż-żieda mill-ġdid tal-vjolenza fil-Lvant Nofsani, marbuta mal-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina.

Ma' dan jiżdiedu l-isfidi marbuta mal-ġestjoni tal-kriżi migratorja li ilha għaddejja minnha l-Ewropa għal madwar ħmistax-il sena, kif ukoll mal-ġlieda kontra d-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima.

Bħala parti mill-kompiti tagħha skont it-Trattati, il-kompitu prijoritarju tal-Kummissjoni l-ġdida ser ikun li tipprovdi l-impetu meħtieġ biex jiżdiedu r-reżiljenza u l-valur miżjud tal-Ewropa f'dinja li qed tinbidel b'mod ġeopolitiku, ekonomiku, ambjentali, iżda wkoll teknoloġiku, bl-iżvilupp tas-swieq diġitali u tal-intelliġenza artifiċjali.

"L-għażla tal-Ewropa", huwa taħt dan it-titolu "Korneljan" li inti, Sinjura President, ippreżentajt ftit xhur ilu quddiem il-Parlament Ewropew il-programm ta' azzjoni tal-Kummissjoni l-ġdida matul din il-leġiżlatura.

Din l-Ewropa, inti tixtieqha l-ewwel u qabel kollox tkun iktar kompetittiva u inqas dipendenti minn barra f'termini ekonomiċi u teknoloġiċi. Inti qiegħda tappella wkoll għal Ewropa sostenibbli u soċjalment responsabbli, Ewropa solidali fid-dawl taż-żieda fl-ispejjeż tal-prodotti għall-konsumatur u tad-diffikultajiet fl-aċċess għall-akkomodazzjoni li jiffaċċjaw ħafna ċittadini Ewropej, Ewropa li tħares il-kategoriji vulnerabbli tal-popolazzjoni f'ambjent dejjem iktar iddiġitalizzat u influwenzat min-networks soċjali.

Il-kunflitti madwar id-dinja juru, min-naħa tagħhom, l-importanza li l-Unjoni Ewropea tressaq il-messaġġi u l-azzjonijiet tad-diplomazija Ewropea fix-xena internazzjonali permezz tar-Rappreżentant Għoli tagħha għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà.

Iċ-ċelebrazzjoni, f'Mejju li għadda, tal-għoxrin anniversarju tal-ikbar tkabbir li l-Unjoni Ewropea esperjenzat kienet, min-naħa tagħha, l-opportunità li tagħti ħarsa oġġettiva fuq dan il-"mument kostituzzjonali" kbir tal-konstruzzjoni Ewropea, fuq il-benefiċċji tiegħu kif ukoll fuq l-esperjenzi li għandhom jittieħdu, fi żmien meta Stati ġodda qed iħabbtu mal-bieb tad-dar Ewropea.

Dawn l-aħħar snin kienu kkaratterizzati wkoll minn ksur, minn ġewwa jew minn barra l-Ewropa, tal-valuri tal-Istat tad-dritt kif ukoll tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali. Fid-dawl ta' dan il-ksur, li jheddu s-sistemi u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna, u li spiss jiġu aggravati minn kampanji ta' diżinformazzjoni u destabbilizzazzjoni permezz ta' xi networks soċjali, huwa d-dmir kollettiv tal-istituzzjonijiet Ewropej li jkomplu jaħdmu kuljum sabieħ jippreservaw il-bażi ta' valuri li fuqhom huwa bbażat l-ordinament ġuridiku komuni tagħna.

Il-kompożizzjoni tal-kulleġġ il-ġdid tal-Kummissarji tirrifletti l-enfasi partikolari li tpoġġew fuq id-diversi sfidi li qed tiffaċċja l-Ewropa bħalissa kif ukoll fuq il-prijoritajiet ta' politika li se jiggwidaw il-ħidma tal-Kummissjoni matul il-ħames snin li ġejjin. B'hekk inħolqu karigi ġodda ta' Kummissarji u portafolli ġodda, bħad-difiża, l-akkomodazzjoni, il-ġustizzja interġenerazzjonali, il-Mediterran, it-tkabbir, kif ukoll is-sajd u l-oċeani.

L-"għażla tal-Ewropa" hija r-responsabbiltà ta' kulħadd (l-istituzzjonijiet Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali, l-imsieħba soċjali, l-atturi tas-soċjetà ċivili, iċ-ċittadini). Iżda l-Kummissjoni għandha bis-saħħa tat-Trattati rwol ta' tmexxija, permezz tas-setgħa tagħha ta' inizjattiva leġiżlattiva kif ukoll fil-kwalità tagħha ta' "gwardjan tat-Trattati" li jawtorizzaha tiżgura l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni mill-operaturi ekonomiċi, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu kif ukoll tintervjeni, bħala *amicus curiae*, f'kull kawża għal deċiżjoni preliminari.

L-inizjattivi tal-Kummissjoni, kemm leġiżlattivi jew ġudizzjarji, jistrieħu direttament fuq l-attivitajiet tal-qrati tal-Unjoni Ewropea.

Għalhekk, il-kuntest ġeopolitiku attwali ma huwiex mingħajr effett fuq il-kontenzjuż Ewropew, kif juru l-bosta kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-miżuri restrittivi meħuda fuq proposta tal-Kummissjoni jew tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u għall-Politika ta' Sigurtà.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet konjizzjoni wkoll, f'dawn l-aħħar snin, ta' numru sinjifikattiv ta' kawżi li kellhom bħala suġġett il-valuri inerenti għall-Istat tad-dritt u għall-indipendenza tal-ġudikatura, b'mod partikolari wara rikorsi għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu mressqa mill-Kummissjoni quddiemha.

Il-post dejjem jikber tal-ġganti tal-internet u tat-teknoloġiji l-ġodda, tal-pjattaformi online u tal-intelliġenza artifiċjali inevitabbilment joħloq sorsi ġodda ta' kontenzjuż li jfixxlu l-kunċetti ġuridiċi klassiċi, b'mod partikolari fid-dritt tal-kompetizzjoni, tal-proprietà intellettuali u tal-protezzjoni tad-data personali, u li joffru, u diġà joffru, lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tirfina l-ġurisprudenza tagħha billi tintegra t-teknoloġija diġitali.

Kwalunkwe impetu leġislattiv ġdid fil-qasam tal-ispazju kriminali Ewropew, bħat-tisħiħ previst tal-istrumenti tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità (l-Europol, il-mandat ta' arrest Ewropew, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew), jista' jwassal, fl-aħħar mill-aħħar, għal kawżi għal deċiżjoni preliminari ġodda li fihom qrati nazzjonali jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċċara r-rikonċiljazzjoni tal-valuri u tal-interessi fundamentali, iżda xi drabi diverġenti, li huma involuti.

Dawn il-ftit eżempji huma biżżejjed sabiex juru l-effett tal-“mezz ta' konnessjoni” bejn il-funzjonijiet assunti, rispettivament, mill-Kummissjoni u mill-qrati tal-Unjoni. Il-Kummissjoni, bħala istituzzjoni politika, tippromwovi dejjem l-interess ġenerali tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz tal-proposti leġislattivi tagħha, u tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt primarju u sekondarju tal-Unjoni, fejn xieraq permezz tal-użu aħħari tal-ġustizzja Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jiffurmaw l-istituzzjoni ġudizzjarja li tiggarantixxi ġustizzja oġġettiva, indipendenti u imparzjali fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Iż-żewġ istituzzjonijiet jikkontribwixxu, bil-mod tagħhom u fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, għat-twettiq tal-istess għanijiet, jiġifieri l-implimentazzjoni armonjuża tad-diversi politiki tal-Unjoni kif ukoll il-konsolidazzjoni tal-*acquis* tal-konstruzzjoni Ewropea u tal-valuri fundaturi tagħha għas-servizz taċ-ċittadini u tal-impriżi bi profili soċjali, ekonomiċi, kulturali u lingwistiċi differenti ħafna fi ħdan l-Unjoni tagħna “magħquda fid-diversità”.

Sinjura President, Sinjuri Membri tal-Kummissjoni,

Il-kwalitajiet personali tagħkom kif ukoll l-esperjenza professjonali tagħkom u r-responsabbiltajiet ta' livell għoli li kontu meħtieġa teżerċitaw matul il-karrieri preċedenti tagħkom jagħtuni l-fiduċja li ser tkunu kollha kapaċi taffrontaw l-isfidi kbar li jistennewkom u li ser teżerċitaw b'suċċess ir-responsabbiltajiet il-ġodda tagħkom.

F'isem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Membri tagħha, nifirħilkom mill-qalb u sinċerament nixtiqilkom li l-isforzi tagħkom jirnexxu sabiex tingħata ħajja għdida lill-Ewropa u tikkonvinċu lil kulħadd, f'dawn iż-żminijiet fejn il-paċi ma għadhiex għażla, anki fil-kontinent Ewropew, bħala evidenza, bil-valur miżjud imprezzabbli li din l-Ewropa tirrappreżenta għal kważi nofs biljun ċittadin kif ukoll għall-atturi tad-dinja ekonomika u soċjali jew tas-soċjetà ċivili.